Qorti tal-Appell
(Sede Inferjuri)

Onor. Imhallef Anthony Ellul

Avviz Numru: 675/2008AE

**Awtorita' Marittima ta' Malta u b'digriet tas-17 ta' Mejju, 2011 l-Awtorita' tat-Trasport f'Malta assumiet l-atti tal-kawza a tenur tal-Att dwar l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**Vs**

**Waste Oils Company Limited**

L-Erbgha, 16 ta' Marzu 2016.

Permezz ta' avviz prezentat fit-2 ta' Settembru 2008, l-attrici talbiet li s-socjeta konvenuta tigi kkundannat thallas is-somma ta' €2,650.83, spejjez relatati ma' tindif ta' zejt mill-bahar.

Il-konvenuta wiegbet li t-talba hi nfondata fil-fatt u fid-dritt.

B'sentenza tat-28 ta' Marzu 2012, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar laqa' t-talba u kkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attrici s-somma ta' €2,650.83 bl-imghax minn meta l-ammont kien dovut sad-data tal-hlas.

B'rikors prezentat fit-12 ta' Gunju 2012, il-konvenuta appellat u talbet lill-qorti sabiex thassar is-sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fit-28 ta' Mejju 2012, tilqa' l-eccezzjoni u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghha.

Permezz ta' twegiba (fol. 5) prezentata fl-4 ta' Lulju 2012 l-Awtorita' Marittima ta' Malta (illum Awtorita' ghat-Trasport f'Malta) wiegbet illi l-appell tas-socjeta' appellanti ghandu jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez kontra is-socjeta' appellanti.

Il-Qorti wara li rat l-atti kollha, tosserva:

1. L-aggravju tas-socjeta konvenuta gie spjegat hekk:

   *"…. s-sentenza tat-Tribunal dahlet f'konsiderazzjonijiet irrilevanti u evitat jew ma qisitx dawk essenzjali – kemm fuq punti ta' dritt u kemm f'punti ta' fatt. Dan ghaliex ghalkemm dahal f'punti bhala ma huma ekwita minghajr ma applika punti aktar fondamentali ta' dritt u ligi, evita li jindirizza sottomissjonijiet u provi u uza kriterji biex allura jahrab mill-binarju tal-kontestazzjoni".*

2. Il-konvenuta lmentat mill-fatt li fl-avviz tat-talba kien jissemma li l-incident sehh f'Gunju 2006, meta mill-provi rrizulta li s-somma pretiza ta' €2,650.83 kienet tirreferi ghal zewg episodji, cjoe' wahda f'Gunju 2006 u ohra f'Settembru 2006.

   Bl-ilment propost mill-konvenuta, qeghda tintilef fil-formalita' bla bzonn, f'proceduri li ma jridux formalita. Is-socjeta konvenuta kienet taf li s-somma pretiza kienet tirreferi ghal kontaminazzjoni tal-ilma f'Gunju u Settembru 2006 (ara per ezempju affidavit ta' Garbielle Vella prezentat fil-21 ta' Jannar 2009). Dan apparti li minn sa minn qabel giet prezentata l-kawza, l-attrici baghatet kont u dokument tal-hlas minnha pretiz (Dok. CP1 u CP2, fol. 95), minn fejn jirrizulta li l-hlas kien qieghed jintalab b'riferenza ghal oil spills ta' Gunju u Settembru 2006. Dokumenti li l-konvenuta rceviet tant li wiegbet b'ittra datata 17 ta' April 2007 (Dok. CP3, fol. 97).

   Ir-riferenza li ghamel it-Tribunal ghall-Artikolu 213 tal-Kap. 12 hu floku. F'dan il-kuntest issir riferenza ghas-sentenza ta' din il-qorti (Imhallef P. Sciberras) fil-kawza **The Village Bakery Co Ltd vs Albert Balzan** tas-17 ta' Marzu 2003:-

   *"Ghalkemm fl-avviz tat-talba jinghad li l-hlas huwa dovut bhala hlas ta' prezz ghall-bejgh ta' merci, il-hlas huwa dovut bhala rifuzjoni ta' flus li l-konvenut, bhala mpjegat tas-socjeta attrici, gabar ghan-nom taghha fil-kors tal-qadi ta' dmirijietu. B'daqshekk ma jfissirx li t-talba tas-socjeta attrici ghandha tigi michuda. F'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel riferenza ghall-Artikolu 213 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) li jipprovdi:*

   *"Fl-ewwel grad, fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni taghha inferjuri, jekk ma tigix ippruvata t-talba kif imfissra fic-citazzjoni, izda jigi ppruvat jedd iehor ghad li dan il-jedd l-iehor ma jkunx jidhol sewwa fit-talba originali, il-qorti tista' tiddecidi fuq dan il-jedd l-iehor kif ikun gie hekk ippruvat, fuq listess citazzjoni".*

   *Artikolu li huwa ntiz li jnehhi l-formalizmu zejjed millproceduri li jinstemghu quddiem il-Qrati Inferjuri u jizgura l-ekonomija tal-gudizzji. Ghalkemm fl-Att V ta' l-1995 (li bih gie kostitwit it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar) ma nsibux provvediment li bih l-Artikolu 213 sar applikabbli ghallproceduri quddiem it-Tribunal, m'hemm xejn fil-ligi li jzomm lit-Tribunal milli japplika l-principju hemm enuncjat, meta wiehed iqies ukoll in-natura nformali ta' proceduri li jinstemghu quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar".*

   Fil-kaz tal-lum, il-hlas pretiz dejjem baqa' ghar-rifuzjoni ta' spejjez li saru biex jitnaddaf tniggis tal-ilma minn kontaminazzjoni ta' zejt. 'Il fatt li l-kontaminazzjoni li sehhet f'Settembru 2006 ma jfissirx li l-attrici m'ghandhiex jedd tirkupra l-hlas, gialadarba mill-provi rrizulta li fis-somma mitluba hemm komprizi l-ispejjez li saru fir-rigward tal-incident li sehh f'Settembru 2006.

3. Ghal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi, ma nghatat l-ebda raguni gravi li tista' twassal lil din il-qorti biex tiskarta dak li qal it-Tribunal. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:

i. Oliver Debono, ufficjal tas-socjeta konvenuta:

(a) Xehed: *"Il-konkluzjonijiet li saru, kif jidher mill-affidavit pprezentat, kienu fil-bicca l-kbira prodott tal-fatt li 'l-kumpannija (Waste Oils Company Limited), li l-premises taghha huma fl-inhawi, kellha pajp ghall-hrug ta' l-ilma li kien konness mas-sistema tal-culverts tal-ilma tax-xita li jaghtu ghall-Menqa Basin", **izda fl-ebda zmien ma gie michud li seta kien hemm konnesssjoni ohra utilizzata minn terzi persuni**"* (enfazi mizjuda). Madankollu m'hemmx prova li fil-culvert kien hemm pajp ta' terzi. Dan apparti li fir-rapport dwar l-incident ta' Settembru 2006, li l-awtur tieghu hu Anthony Caruana Spearing li kkonfermah bil-gurament, jinghad: *"The undersigned proceeded to inspect the port area and on arrival at Flagstone Wharf at around 2005 hrs it was noted that the **Waste Oils Co Ltd pipeline located there, was still dripping black, dirty oily water**"* (enfazi tal-qorti, fol. 55).

(b) Xehed: *"Barra minn hekk meta jittiehdu kampjuni ta' dan it-tip, skond il-metodi accettati mill-industrija, in-numru minimu ta' kampjuni huwa dak ta' tlieta minn kull post li jittiehdu"* (fol. 129). Il-kampjuni ttiehdu fil-presenza tieghu. Seta' kieku ried jitlob li jittiehdu tlett kampjuni. Il-fatt li ma talabx ipoggi fid-dubju kemm fl-industrija tezisti prassi simili. F'kull kaz il-konvenut ma tatx prova li verament tezisti tali prassi. Fir-rikors tal-appell il-konvenuta lmentat li t-Tribunal ma tax piz ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Renard Cassar**. Pero' dak li nghad kien fil-kuntest ta' proceduri kriminali, fejn il-piz tal-prova hu hafna iktar oneruz minn dak fic-civil. Dan apparti li fil-kaz in ezami, it-testijiet ma sarux mill-attrici izda minn laboratorju barra minn Malta. Dan apparti li fil-kamp civili hu maghruf li opinjoni teknika ex parte hi ammissibbli.

(c) Sostna li l-attrici ma wzatx apparat adegwat sabiex jittiehdu l-kampjuni taz-zejt. Din baqghet biss allegazzjoni. Dan apparti li mir-rapport ta' Gabrielle Vella li jikkoncerna l-kontaminazzjoni li sehhet f'Gunju 2006, jinghad: *"The sample bottles were provided by Waste Oils"* (fol. 20). Ghalkemm Debono xehed li l-kampjuni ma ttiehdux fl-istess gurnata, fir-rigward tal-oil spill ta' Gunju 2006 dan ma jirrizultax mir-rapport ta' Gabrielle Vella. Fir-rigward tal-incident ta' Settembru jirrizulta li z-zewg kampjuni ttiehdu f'granet differenti, pero dan ghas-semplici raguni li l-ufficjal

inkarigat ma sabx koperazzjoni min-naha tal-konvenuta sabiex jiehu kampjun "from the oily water separator outlet at Flagstone Wharf" (ara rapport ta' Anthony Caruana Spearing).

(d) Hu rilevanti li fit-testijiet li saru, kull darba r-rizultati kienu li z-zewg samples kienu tal-istess kwalita ta' zejt. Irrizulta wkoll li ttiehdu samples fil-prezenza tax-xhud. Ghalkemm Debono xehed: *"Is-socjeta konvenuta qatt ma pprotestat dwar is-samples u l-investigazzjonijiet.* ***Dana dejjem minhabba l-fatt illi ma konniex gejna nfurmati ufficjalment li konna qeghdin nigu nvestigati u qatt ma gejna mgharrfa ghal liema raguni qeghdin jittiehdu dawn is-samples"*** (enfazi tal-qorti), il-qorti ma temmnux. Hu ovvju li s-samples ittiehdu ghaliex kien hemm *oil spill* u kienet qeghda ssir investigazzjoni biex jigi determinat x'kien is-sors.

(e) Semma wkoll li ma ntuzawx esperti ndipendenti. M'hemm xejn fil-ligi li hekk ghandu jkun (ara Avviz Legali 1 tal-1996 li saret riferenza ghalih fis-sentenza tat-Tribunal).

(f) Ghalkemm xehed li: *"F'kaz minnhom intuza semplicement barmil li kien jinsab fuq il-moll, biex jingabar l-ilma u jitpogga l-kampjun tal-ilma go flixkun vojt tal-ilma minerali"*, ir-raguni tghidlek li jekk kien hemm kontaminazzjoni ta' xi kampjun, meta jsir it-test ma kienx ser jaghti rizultat li l-kampjuni jaqblu. Sahansitra, fir-rigward tal-incident ta' Gunju, mir-rapport ta' Gabrielle Vella jirrizulta li ttiehed kampjun: *"from: the inner rain water culvert and Waste Oils (exit from oily-water separator)"* (fol. 20). Ir-rizultat kien: *"The two samples S160.1 and S160.2 received from Malta are identical without any reasonable doubt"* (fol. 46).

(g) Semma wkoll li: *"Skond 'il fatt kif inhuma dokumentati fl-affidavits u r-rapporti prezentati, ma hemm l-ebda ndikazzjoni li qatt ittiehdu xi kampjuni jew saru investigazzjonijiet estensivi fuq proprjeta ta' kumpanniji ohra li joperaw fl-istess zona u settur…."* (fol. 131). Fil-fehma tal-qorti dan ma kienx mehtieg gialadarba ma jirrizultax li hemm xi prova li kien hemm kumpanniji ohra li kellhom pajp konness mal-culvert tal-ilma tax-xita minn fejn ittiehed il-kampjun. Dan apparti li fil-kaz ta' Gunju 2006, ittiehed kampjun taz-zejt mill-culvert u mill-impjant tal-konvenuta u mit-test irrizulta li l-kampjuni kienu jaqblu.

ii. Kif osserva t-Tribunal, irrizulta li fir-rigward tal-incident ta' Settembru 2006, Oliver Debono kien offra li jnaddaf il-

kontaminazzjoni (ara rapport ta' Caruana Spearing, fol. 54). Min-naha tieghu Debono qatt ma qal x'wasslu biex jaghmel proposta bhal dik, jekk kif qal hu *"... fil-hin li giet ikkawzata l-oil spill, Waste Oils Terminal kien maghluq u ghalhekk ma kienx hemm impjegati joperaw l-impjant"* (fol. 130). Ir-raguni tghidlek li jekk is-socjeta konvenuta ma kellhiex x'taqsam ma' dik il-kontaminazzjoni, allura ma kienx ighid li *"... he was prepared to carry out the cleanup due"*.

Il-konkluzjoni hi li ma tressqet l-ebda raguni li tikkonvinci lill-qorti li t-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-provi. Minn ezami tal-atti l-qorti hi tal-fehma li t-Tribunal ma setax jasal ghal decizjoni differenti minn dik li s-socjeta konvenuta hi responsabbli biex tajjeb ghall-ispejjez in konnessjoni ma' *oil spills* li sehhew f'Gunju u Settembru 2006.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta**.

Anthony Ellul.